# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 23 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 17.**

**Citazz. Nru. 1906/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**DEBATTISTA HOLDINGS Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih ss-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ikkoncediet "Overdraft Facilities" lis-socjeta' konvenuta Debattista Holdings Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Debattista Holdings Limited fis-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sebgha u sittin liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm10,367.34) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta' Debattista Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1" sa "A58" u Dok. "B1" sa "B27") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 29 t'Ottubru, 1999 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-socjeta' Debattista Holdings Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sebgha u sittin liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm10,367.34) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta' Debattista Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A58" u Dok. "B1" sa "B27") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t'Ottubru, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' Debattista Holdings Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sebgha u sittin liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm10,367.34) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta' Debattista Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A58" u Dok. "B1" sa "B27") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t'Ottubru, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Novembru, 2000.**